# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA, 23 TA' OTTUBRU, 1996

Avv Nru.226/96

Socjeta' Plastic Processing Co. Ltd.

vs

Socjeta' C.T. Enterprises Ltd.

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Mejju, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Erba u tmenin Lira Maltija, (Lm84.00), rapprezentanti l-prezz ta' boroz tal-plastic mibjughin u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta, fuq inkarigu tal-istess socjeta' konvenuta;

Bl-imghax millum u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Settembru, 1995 kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tad-29 ta' Mejju, 1996, fejn s-socjeta' konvenuta eccepiet:

i. Preliminarjament l-irritwalita' tal-avviz stante li ma nghatawx id-dettalji rikjesti dwar it-talba b'mod partikolari "Fejn?" u "Meta?".

ii. Preliminarjament u bla pregudizzju illi s-socjeta' konvenuta ma hiex il-legittimu kontradittur u ghandha konsegwentement tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma xtrat l-ebda boroz minghand is-socjeta' attrici; u

iii. Illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni attrici hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Illi b'degriet tal-31 ta' Mejju, 1996, it-Tribunal ordna li ssir korrezzjoni fis-sens li fil-faccata tal-avviz fil-kasella "Fejn?" titnizzel il-kelma "Malta", u fil-kasella "Meta?" jitnizzel "1991".

Semgha x-xhieda ta' Mario Farrugia, Tony Micallef, Vanessa Vella, u Anthony Saliba;

Fis-seduti gew ezebiti s-segwenti dokumenti:

Dok."1": Invoice No.366 datat 31 ta' Mejju, 1993;

Dok."2": Delivery Note datata 31 ta' Mejju, 1993;

Dok."3": Invoice No.591 datat 27 ta' Awissu, 1993;

Dok."4": Delivery Note datat 6 ta' Awissu, 1993;

Dok.AM1: Fotokopja mil-ktieb tal-invoices dwar l-invoice numru 366;

Dok.AM2: Fotokopja mil-ktieb tal-invoices dwar l-invoice numru 591;

Dok.TMØ1: Fotokopja tal-invoice numru 568 datat 31 ta' Lulju, 1993;

Dok.TMØ2: Fotokopja tad-Delivery Note datata 3Ø ta' Lulju, 1993.

It-Tribunal ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra:

1. Fl-ewwel lok l-ewwel eccezzjoni giet superata permezz tal-korrezzjoni ordnata, kif fuq rilevat;

2. It-tieni eccezzjoni tirrigwarda l-punt jekk in-negozju sarx ma' C.T. Enterprises Ltd. jew ma' Anthony sive Tony Saliba f'ismu proprju.

3. L-invoice numru 366, Dok."1" ezebit, datat 31 ta' Mejju, 1993, hareg fuq:

"Mr. T. Saliba

C.T. Enterprises Ltd.

B'Kara By Pass

B'Kara"

Din kienet ghall-ammont ta' Hamsa u erbghin Lira Malitja (Lm45), ghall-hmistax il-pakkett ta' elf il-wiehed, ossija ghall-hmistax il-elf borsa kuluriti bil-print "MORALES".

Id-Delivery Note numru Ø11442, Dok."2" ezebita, rigwardanti l-imsemmija invoice, u datata wkoll 31 ta' Mejju, 1993, iggib il-firma ta' Anthony Saliba.

4. Hekk ukoll L-invoice numru 591, Dok."3" ezebit, datat 27 ta' Awissu, 1993, hareg fuq:

"Mr. T. Saliba

C.T. Enterprises Ltd.

B'Kara By Pass

B'Kara"

Din kienet ghall-ammont ta' Disgha u tletin Lira Malitja Lm39, ghall-kwantita ta' tnax il-pakkett ta' hames mija il-wiehed, ossija sitt elef borsa "V" Type kuluriti stampati "ST. GEORGE'S"

Id-Delivery Note numru Ø11678, Dok."4" rigwardanti l-imsemmija invoice, u datata 6 ta' Awissu, 1993, iggib ukoll il-firma ta' Anthony Saliba.

5. Dawn jinsabu registrati fil-ktieb tal-invoices tal-kumpanija attrici taht l-isem "T. Saliba", skond ma rrizulta mid-Dok.AM1 u Dok.AM2.

6. Li x-xoghol tal-boroz kien sar fuq Tony Saliba, u l-invoices hargu fuq C.T. Enterprises Ltd., hu konfermat minn Mario Farrugia, Vanessa Vella, u Tony Micallef, rispettivament clerk, segretarja u General Manager tad-ditta attrici.

7. Tony Micallef ghamel referenza ghar-registru tal-kumpanija attrici, u ezebixxa l-fotokopji Dok.AM1 u Dok.AM2, li gew verifikati mal-original. Dan ir-Registru timlieh is-Segretarja.

8. Jirrizulta mix-xhieda tal-istess Vella li Saliba kien talabhom johorgu l-kontijiet fuq C.T.Enterprises Ltd.. Ghalkemm ghandu jinghad li Saliba qed jghid li x-xoghol ordnah fuq ismu, it-Tribunal ma hux konvint minn din il-versjoni ta' Saliba.

L-abbli difensur tas-socjeta' konvenuta ikkontenda li Veronica Vella ikkontradixiet ruhha fix-xhieda taghha, u li hi fir-registru semmiet dejjem lil "T.Saliba". Issa f'dan il-kuntest huwa minnhu li Veronica Vella ikkrollat taht il-kontroezami, pero' baqghet konsistenti fil-versjoni taghha, cioe' li kien Tony Saliba li pogga l-ordni, u li sussegwentement, Saliba qalilha biex tohrog l-invoice fuq "C.T.Enterprises". Is-Segretarja tal-kumpanija attrici qalet li fir-registru nizzlet "T.Saliba" biex tkun tista tifhem ghall min tapplika. Qalet li b'"T.Saliba" tifhem li tapplika ghall-"C.T.Enterprises Ltd.", u qalet li l-konvenut darba mar u qalilha:

"....tibqax tibghathom fuq "T.Saliba" izda fuq "C.T. Enterprises Ltd.""

Hi spjegat li l-konvenut qatt ma qalilha biex ma tiktibx id-delivery note fuq "T.Saliba", izda li dana ried li l-invoice tohrog fuq "C.T.Enterprises Ltd."

Saliba jikkontendi li d-ditta attrici ma kienetx taf b'"C.T.Enterprises" dak iz-zmien, u dana hu dijametrikament oppost ghall dak li qalet Vella. It-Tribunal hu aktar propens li jaghti affidabilita' ghax-xhieda ta' Vella fir-rigward. Jigi rilevat f'dan il-kuntest li Mario Farrugia, il-clerk tad-ditta attrici kien habib ta' Tony Saliba u kien jaf li "C.T. Enterprises" kienet tezisti skond ma qallu l-istess Saliba. Apparti li rrizulta li kien hemm zmien minnhom, proprju fis-sena in kwistjoni, li fih Saliba kien ha l-ishma kollha fil-kumpanija konvenuta.

9. Jigi rilevat li dawn iz-zewg kontijiet ma kienux l-unici kontijiet bejn il-partijiet. Irrizulta li kien hemm trasazzjonijiet ohra bejn il-partijiet. Jirrizulta li wahda minnhom giet imhallsa fit-23 ta' Mejju, 1995

F'dan il-kaz qed nittrattaw dawk iz-zewg invoices li mill-account jidrhu li ma thallsux.

Irrizulta li kien sar pagament fit-23 ta' Mejju, 1995, ghall delivery li sar f'Lulju, 1993, Dok.TMØ2. L-invoice relativa Dok.TMØ1 kienet mahruga fuq:
"Mr. T. Saliba

C.T. Enterprises Ltd.

B'Kara By Pass

B'Kara."

Din tirreferi ghall-tnejn u ghoxrin pakkett ta' hames mija il-wiehed, u kienet ghall-ammont ta' Wiehed u sebghin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm71.5Ø).

Dina tkompli issahhah il-versjoni tas-socjeta' attrici, li x-xoghol kellhu jigi addebitat fuq is-socjeta' konvenuta.

10. Jirrizulta li Tony Saliba kien ordna x-xoghol in kwistjoni, u li hu kien jaghmel maghhom xoghol fuq bazi regolari.

11. Irrizulta li wara pawsa ta' sentejn, ghall habta ta' Mejju, 1995, qamet il-kwistjoni dwar il-hlas. Il-kuntatt ma' Saliba sehh minhabba xi xoghol iehor li kien ordna, u ssussegwentement ntbaghtet ittra ufficjali.

12. Il-konvenut isostni li xejn ma hu dovut ghax sa meta waqaf qatt ma rceva "invoices". Fuq din il-presunzjoni il-konvenut ibbaza il-pretensjoni tieghu.

Il-konvenut spjega li dwar id-Dok.TM01 dan kien gielu dubbju hallsux, u dana minhabba li fl-1993 kien ixxiftja minn Tal-Pieta' ghall-B'Kara, u kien hemm ftit konfuzjoni. Ic-certezza tal-konvenut li ma setghux intilfu dokumenti ohra kompliet issahhah il-fehma tat-Tribunal li l-ammont kien tassew dovut minn C.T. Enterprises Ltd..

Ghaldaqstant ma hemmx lok li tigi akkolta it-tieni eccezzjoni.

13. Dwar l-eccezzjoni li l-azzjoni hi preskritta a tenur tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili, jigi rilevat fl-ewwel lok li t-terminu ta' din il-preskrizzjoni hu ta' tmentax il-xahar.

Iz-zewg invoices hargu wahda fil-31 ta' Mejju, 1993, u l-ohra fis-27 ta' Awissu, 1993, ghall-deliveries li saru fil-31 ta' mejju, 1993, u 6 ta' Awissu, 1993 rispettivament. L-ittra ufficjali intbaghtet fid-29 ta' Settembru, 1995, u cioe' aktar minn sentejn wara. Ma hemmx dubbju li kienu ghaddew mhux biss tmentax il-xahar izda aktar minn sentejn.

Wiehed pero' irid ihares ukoll lejn il-generu tan-negozju, ossija jekk hix applikabbli il-preskrizzjoni ta' hames snin, u cioe' jekk l-oggetti inbieghux bl-imnut jew bl-ingrossa.

Dwar il-preskrizzjoni tat-tmentax il-xahar, kif dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna:

> "...il-ligi ghall-finijiet ta' dina l-preskrizzjoni ma zzomm l-ebda rigward tal-professjoni abitwali sia tal-grossista sia tal-minutant imma tikkunsidra biss il-vendita fiha nfisha u l-kwantitativ tal-merci fornita indipendentement mill-prezz." (Gio Maria Camilleri vs Avv nene A. Cremona et noe. Deciza 4 ta' Gunju, 1963; vide ukoll Vol.XIII p.294, Vol.XXI, P.I, p.408.)

Il-Qorti kienet osservat li jekk il-bejgh isir f'partiti zghar:

> "..soggiace alla prescrizione breve di dicotto mesi, sia che venga fatto dal negoziante al dettagliatore sia che da quest' ultimo si faccia al consumatore potendo darsi il caso che anche il-grossista rivenda in qualche caso particolare la sua merce in dettaglio." (Fenech vs Galea - 17.01.1912 - Vol.XXI, P.I, p.408, kif ukoll "Paul Abela noe vs Philip Grima" dec. 6 ta' Marzu, 1964.

Inoltre jinghad ukoll li:

"Fil-gurisprudenza taghna nsibu li l-kriterju direttiv biex wiehed jiddistingwi l-grossista mid-dettaljatur hu dak li, fil waqt li l-ewwel wiehed aktarx ibiegh lil min jikkommercja fil-haga, it-tieni wiehed ibiegh aktarx lil konsumatur u fi kwantitajiet zghar mizurati mill-bzonn tal-istess konsumatur - dak li jfisser illi l-kummerc bl-imnut jikkonsisti fir-rivendita f'partiti zghar -- merci jew derrati li tal-hanut ("bottegaio") jew "minutant" jixtri minn ghand neguzjant." (Grazio Debattista vs Michele Galea, deciza 23 ta' Mejju, 1961.)

Issa mil-fattispecie tal-kaz, tan-negozju kontinwu bejn il-partijiet u tal-kwantitativ tal-merci mibjugha, jidher li dana il-kaz kien jirrigwarda bic-car bejgh bl-ingrossa u mhux bl-imnut, u ghalhekk ma hix applikabbli l-preskrizzjoni ta' tmentax il-xahar.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Erba u tmenin Lira Maltija (Lm84.00), kif fuq inghad; bl-imghax mil-14 ta' Mejju, 1996;

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, specjalment id-dewmien tal-attur biex javanza il-pretensjoni tieghu, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.